

L-istudenti li attendew għall-quddiesa tal-okkażjoni fil-ftuħ tas-sena skolastika tas-Seminarju Minuri

# Tiftaħ is-Sena Skolastika fis-Seminarju Minuri

Mal-259 student attendew għaċ-ċerimonja tal-ftuħ tas-sena skolastika fis-Seminarju Minuri, fir-Rabat, Għawdex.

Iċ-ċerimonja bdiet b'ċelebrazzjoni ta' quddiesa mmexxija mir-Rettur tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, Dun Daniel Xerri, (Xagħra) flimkien ma' Dun Noel Saliba, (Żebbuġ) il-Kap tal-Iskola, Dun Michael Said, (Nadur) l-Assistent Kap, Dun Edward Vella (Għarb) u Mons. Lawrence Sciberras (Sannat).

L-ewwel lezzjoni inqrat minn Feliċ Micallef mir-Rabat waqt illi Matthew Bajada mill-Għarb qara s-Salm Responsorjali.

Dun Noel Saliba qara l-Vanġelu.

Il-kant tmexxa minn Dorienne Portelli mir-Rabat u Nataline Attard mix-Xagħra.

Ħadet sehem ukoll l-orkestra studenteska mwaqqfa fil-Milied tas-sena 2008, taħt id-direzzjoni ta' Ivan Farrugia, mix-Xewkija.



Waqt il-Konċelebrazzjoni fis-Seminarju. Jidhru mix-xellug Dun Edward Vella, Dun Daniel Xerri u Mons Lawrence Sciberras



L-Orkestra tas-Seminarju



Iż-żgħażagħ Għawdxin fl-Ingilterra

# Żgħażagħ Għawdxin fl-Ingilterra

Grupp ta' tletin żagħżugħ u żgħażugħa mill-Oratorju Don Bosco, akkumpanjati mid-Direttur tal-Oratorju Dun Effie Masini, għadhom kif ġew lura minn żjara fl-Ingilterra bħala parti minn proġett kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-programm *Youth in Action*.

Iż-żjara tagħhom laqqgħethom ma' grupp ta' żgħażagħ Ingliżi mill-*Holy Cross High Catholic School f'Chorley* qrib *Manchester.*

Dan il-proġett taż-żgħażagħ iffoka fuq it-tema *It-Tibdil fl-Istili tal-Ħajja u l-Isfidi Ambjentali.* Matul dan il-proġett iż-żgħażagħ Għawdxin u Ingliżi ħadu sehem f'laqgħat, diskussjonijiet u attivitajiet oħra waqt li kellhom l-opportunità li jżuru diversi postijiet relatati mat-temi diskussi fir-reġjun ta' Lancashire.

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





L-Arċipriet Carmelo Refalo (lemin) u l-Gwardjan tal-Patrijiet Kapuċċini, Patri Karm Dimech itajru l-ħamiem fid-daħla prinċipali tal-Knisja, qabel iċ-ċerimonja tat-tberik tal-annimali

# Iċċelebrata l-Festa ta' San Franġisk t'Assisi

Nhar il-Ħadd 4 ta' Ottubru, filgħodu, il-Patrijiet Kapuċċini ċċelebraw il-festa ta' San Franġisk t'Assisi, fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, fir-Rabat, Għawdex.

L-Arċipriet tal-Parroċċa ta' Marija Bambina, tax-Xagħra, Mons. Carmelo Refalo, mexxa Konċelebrazzjoni Solenni flimkien mal-Patrijiet Kapuċċini Joe Muscat, Cornelio Bonello u l-Gwardjan Karm Dimech, bis-sehem tal-Kor Fjur t'Assisi taħt id-direzzjoni ta' Marita Cassar.

Wara fuq iz-zuntier tal-Knisja saret iċ-ċerimonja tat-tberik tal-annimali.



Mal-offerti ttellgħa wkoll par ħamiem minn Franġisk Portelli min-Nadur, bħala tifkira tal-imħabba li kellu San Frangisk t'Assisi lejn il-ħolqien



Il-Gwardjan tal-Patrijiet Kapuċċini, Patri Karm Dimech ibierek l-annimali, fosthom, għasfur bl-isem ta' Bobo taż-żagħżugħ Paul Theuma. Jidher ukoll Patri Cornelio Bonello (lemin)

**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott -** *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***